9 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Melita Bonello Micallef *versus* Marie Louise Parnis England

## Azzjoni ta' Manutenzjoni — Pussess — Molestja — Art. 571 tal-Kodiċi Ċivili

*L-azzjoni ta' manutenzjoni tikkompeti lil min, waqt li jkun jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobili jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobili, jiġi molestat f'dan il-pussess, biex jinżamm f'dan il-pussess.*

*Dan il-pussess, skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Tagħna, jikkomprendi biss il-pussess kif definit mill-leġislatur fl-art.* 561 *tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri d-detenzjoni ta' ħaġa "animo domini".*

*Għaldaqstant din l-azzjoni ma tistgħax tiġi eżerċitata minn persuna li hija sempliċi inkwilina tal-fond li fih saret il-molestja li trid tiġi respinta b'dik l-azzjoni.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, billi l-attriċi u l-konvenuta huma ko-inkwilini tal-fond nru. 69 Old Mint Street, Valletta; billi dan l-aħħar il-konvenuta, arbitrarjament u abużivament għalqet, permezz ta' bieb tal-injam li jinqafel biċ-ċavetta, il-passaġġ li jagħti għall-bejt komuni, u b'hekk ipprivat lill-attriċi minn dritt li ilha dgawdi għal bosta snin; billi dan l-aġir abużiv tal-konvenuta qiegħed jarreka danni u inkonvenjenti kbar lill-attriċi; talbet li l-konvenuta tiġi minn din il-Qorti kundannata biex fi żmien qasir u perentorju tirrimwovi l-bieb li per mezz tiegħu hija għalqet il-passaġġ li jagħti għall-bejt komuni, u in difett, li l-attriċi tiġi awtorizzata tirrimwovi hi l-imsemmi bieb a spejjeż tal-konvenuta. Bl-

ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-25 ta' Settembru 1953, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, wara li ppremetta illi l-azzjoni esperita mill-attriċi hija dik ta' manutenzjoni, ikkonkluda (1) illi l-użu tal-bejt tal-flats jispetta lill-ko-inkwilini kollha indipendentement mill-appartament li kull wieħed minnhom jokkupa, (2) illi kull ko-inkwilin huwa obligat josserva r-regoli meħtieġa ta' "buon vicinato", (3) illi l-każ in kwistjoni huwa analogu għall-kiri ta' flats, (4) u illi, għalhekk, l-attriċi għandha dritt tagħmel użu mill-bejt tal-fond in kwistjoni;

Illi l-attriċi, fin-nota tagħha fol. 89, issottomettiet li t-teżi tal-perit ġudizzjarju għandha tiġi aċċettata, u rrimettiet ruħha għar-relazzjoni tiegħu;

Illi minn dan il-Qorti targumenta li l-attriċi taqbel mal-perit anki rigward in-natura tal-azzjoni minnha eżerċitata; u hemm bżonn, għaldaqstant, li jiġi qabel xejn eżaminat jekk din l-azzjoni tistgħax tikkompeti lill-attriċi;

Illi, skond l-art. 571 (Kod. Ċiv.), "kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobili, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobili, jiġi molestat f'dan il-pussess, jista', fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess b'titolu prekarju". Dan il-pussess, skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Tagħna, jikkomprendi biss il-pussess kif definit mill-leġislatur fl-art. 561 tal-Kodiċi ċitat, jiġifieri d-detenzjoni ta' ħaġa "animo domini" (Kollez. XXVII-I-622; u XXXIII-II-198);

Illi, "ex admissis", l-attriċi hija ko-inkwilina tal-fond

in kwistjoni, u għalhekk ma tistax teżerċita l-azzjoni l-lum minnha esperita; salva kull azzjoni oħra "si et quatenus";

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġi nvestit il-meritu;

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.